Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,321, 1 ta' Ottubru, 2024

Taqsima B

A.L. 244 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2014 għall-Grad ta' Professional Doctorate għall-Grad ta' Doctorate in Educational Leadership – Ed.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għall-Grad ta' Professional Doctorate – għall-Grad ta' Doctorate in Educational Leadership – Ed.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji għall-Kors maħtur mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctorate in Educational Leadership – Ed.D.;

"il-Grad ta' Master" tfisser il-grad ta' Master in Educational Leadership;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Educational Leadership; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għall-Grad ta' Professional Doctorate.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Settembru 2024 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għall-Grad offrut mill-Fakultà għandhom ikollhom il-grad ta' Master fl-Educational Leadership, Management, jew kwalunkwe kwalifika oħra meqjusa bħala komparabbli mill-Bord.

(2) L-applikanti għandhom ikollhom minimu ta' 8 snin ta' esperjenza b'suċċess fit-tagħlim, it-tmexxija jew l-ekwivalenti fil-prattika tal-edukazzjoni.

(3) L-applikanti għandhom jippreżentaw dawn li ġejjin:

(a) żewġ ittri ta' rakkomandazzjoni minn individwi familjari mal-potenzjal għat-tmexxija tal-applikanti, l-esperjenza rilevanti, u l-abbiltà li jkollhom success fi programm ta' wara l-ewwel grad rigoruż;

(b) dikjarazzjoni professjonali bil-miktub li tispjega il-miri edukattivi u professjonali u li tiddiskuti dak li wieħed jittama li jiggwadanja minn programm bħal dan; u

(ċ) *Curriculum Vitae* / *Resumé*.

(4) il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-rizorsi disponibbli. Jekk meħtieġ, l-għadd ta' postijiet disponibbli għandhom ikunu avżati fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(5) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom ikunu magħżula skont dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) il-kwalifiki kif identifikati fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament: 20%;

(b) portfoljo tal-iżvilupp professjonali: 30%;

(ċ) dikjarazzjoni professjonali bil-miktub: 20%; u

(d) il-livell milħuq waqt intervista: 30%.

(6) Il-bord tal-intervisti jkun maħtur mill-Bord u għandu jkun magħmul minn tal-anqas tliet membri.

(7) L-applikanti għandhom jiġu rreġistrati l-ewwel għall-Grad ta' Master.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tlett snin ta' studju fuq bażi full-time jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi part-time.

Il-Programm ta' studju

5. Il-programm ta' studju għall-Grad għandu jinkludi:

(a) komponent mgħallem u ta' prattika professjonali, li jinkludi portfoljo riflessiv, u li jinkludi taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati 120 krettu ECTS; u

(b) komponent ta' riċerka, li jkopri t-taqsima-studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 60 krettu ECTS.

6. Biex jibqgħu reġistrati għall-Grad, l-istudenti għandhom ikollhom marka medja ta' 60% fit-taqsimiet-studju mgħallma, liema marka medja għandha tkun maħduma fl-aħħar tas-sena akkademika.

7. L-istudenti li jiksbu mill-anqas 60 krettu ECTS assenjati għal taqsimiet-studju mgħallma u ta' prattika li jew jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux temmew il-programm ta' studju kollu, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma. L-istudenti li jagħżlu li ma jkomplux il-Kors wara li temmew it-taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati 120 kretti ECTS ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad ta' Master.

8. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

9. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima-studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima-studju.

(2) L-istudenti li, fl-ewwel u t-tieni sena tal-programm, jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS, jekk qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi full-time, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS, jekk qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi part-time, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet-studju li weħlu minnhom darba fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima-studju, jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

Il-Prattika Professjonali

10. (1) Il-Bord, wara rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, għandu jaħtar superviżur tal-prattika professjonali, li għandu jkun akkademiku residenti, għal kull student. Is-superviżuri tal-pratika professjonali għandhom jipprovdu gwida u pariri fuq bażi regolari matul il-prattika professjonali tal-istudenti.

(2) L-istudenti jkunu meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-superviżuri tal-prattika professjonali tagħhom.

11. Is-superviżuri tal-prattika professjonali għandhom jissottomettu lill-Bord tal-Istudji rapporti għall-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom, sal-aħħar ta' Ġunju ta' kull sena akkademika.

Is-Sottomissjoni tal-Proposti għad-Dissertazzjoni u d-Dissertazzjonijiet

12. L-istudenti reġistrati għall-Grad huma meħtieġa jissottomettu dissertazzjoni individwali li m'għandhiex taqbeż is-60,000 kelma, esklużi l-biblijografija, l-appendiċi u l-astratt, u għandha tkun miktuba skont il-linji gwida approvati u ppubblikati mill-Bord tal-Istudji.

13. L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu l-proposta tad-dissertazzjoni għall-Grad lill-Bord tal-Istudji sal-aħħar tal-ewwel semestru tat-Tieni Sena.

14. Mhux anqas minn tlett xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni, l-istudenti jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Fakultà li se jissottomettu d-dissertazzjoni tagħhom għall-eżami.

15. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra ta' Bord tal-Eżaminaturi għal kull dissertazzjoni, skont ir-Regolamenti Prinċipali.

16. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura tad-dissertazzjoni tagħhom għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat mill-Fakultà għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Fakultà żewġ kopji tad-dissertazzjoni b'legatura iebsa u kopja f'format diġitali fi żmien sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat tagħhom. Kopja waħda tad-dissertazzjoni għandha tinżamm fil-Librerija tad-Dipartiment tal-Leadership for Learning and Innovation u l-kopja diġitali fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad jew il-Grad ta' Master.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi Part-time

17. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi part-time, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura part-time tal-Kors.

Il-Provvedimenti Ġenerali

18. Għal materji li m'hemmx provvedimenti dwarhom f'dawn l-ordinamenti, il-Bord u s-Senat għandhom ikunu ggwidati mill-provvedimenti tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021, ippubblikati bħala Avviz Legali 371 tal-2021, kif applikabbli.